MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Numru. 30/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Alex Paul Miruzzi**
**V**

**ALFRED AZZOPARDI**

**Seduta tal-llum 3 ta’ Marzu, 2005**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputat Alfred Azzzopardi ta’ tnejn u erbghin sena iben John u Lorenza xebba Camenzuli imwieled Sliema nhar l-erbgha ta’ Frar, 1962 u residenti fil-fond “Lorraine Court”, Flat 1, Triq Giovanni Schranz, Msida, detentur tal-karta tal-identita` numru 111962M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fis-7 ta’ Ottubru, 2004 fl-inhawi tar-Ramla l-Hamra, Ghawdex ghall-habta tas-7.30am waqt stagun

miftuh ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar kien ghall-kacca jew ipprova jikkaccja u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon meta kien ghall-kacca minn fuq dghajsa jew xi opra tal-bahar f'distanza sa tliet kilometri jew anqas mill-kosta;

2. Talli ukoll bhala pussessur ta' licenzja naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenza.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tikkonfiska l-oggetti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni b'mod partikolari lil PC 389 u PC 882 jixhdu u jghidu illi nhar is-sebgha ta' Ottubru, 2004 fl-inhawi tar-Ramla l-Hamra, ghall-habta ta' 7.30am, huma sabu lill-imputat flimkien ma Manuel Formosa u Joseph Cini fuq speedboat vicin l-art u appuntu f'distanza ta' inqas minn hamsin metru l-boghod mill-art, weqfin.

Illi huma marru fuq din id-daghjsa u tkellmu man-nies li kienu fuqha u staqsewhom jekk kellhomx xi armi a bord. L-imputat flimkien ma zewg minn nies ohra, ghaddewlhom tlett armi u cioe` l-armi taghhom li kienu fl-ghata taghhom fuq l-istess daghjsa. L-ufficjali tal-Pulizija esebew l-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija f'isem l-imputat liema licenzja kellha bhala kundizzjoni specifika illi l-arma fuq opra tal-bahar kellha tingarr tlett kilometri barra mill-kosta.

Ta' importanza kbira hija dak li qal l-imputat lil dawn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni a tempo vergine tal-investigazzjoni illi huma kienu hargu bid-daghjsa ghall-kacca.

L-imputat xehed fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2005 minn jeddu b'mod volontarju u stqarr illi verament kien hareg ghall-kacca ghalkemm meta l-Pulizija waqqfuh ma kienx qed jikkaccja, li verament kellu s-senter tieghu fil-ghata tieghu pero' ma qabilx max-xhieda tal-Prosekuzzjoni meta qalet illi d-daghjsa tieghu kienet wieqfa. Stqarr illi huwa

kien sejjer ma shabu u d-daghjsa kienet miexja meta gie mwaqqaf mill-Pulizija.

Illi d-difiza ressqet ukoll zewg xhieda ohra, Manuel Formosa u Joseph Cini jixhdu u dawn ikkonfermaw in toto dak li qal l-imputat.

Id-difiza sostniet illi l-imputat kellu jigi liberat mill-akkuzi peress illi hemm konflitt fil-provi dwar jekk id-daghjsa in kwistjoni kienetx miexja jew le. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Nikol Mallia** deciza fis-17 ta’ Mejju, 1999 fejn dik il-Qorti iddikjarat;

*“li mhux kull darba li hemm zewg versjonijiet konfliggenti, necessarjament u awtomatikament ifisser li hemm konflitt fil-provi u allura dan il-konflitt ghandu jmur favur l-akkuzat. Jkun biss konflitt fil-provi li minnu ghandu jibbenifika l-akkuzat meta hemm zewg versjonijiet differenti tal-istess fatt li tnejn ikunu accettabbli, plawsibbli jew verosimili, b’mod li l-Qorti ma tkunx f’posizzjoni ta’ certezza morali li taccetta versjoni wahda u mhux l-ohra. Minkejja l-fatt li jista’ jkun hemm zewg versjonijiet konfliggenti tal-istess fatt, jekk il-Qorti tara li versjoni minnhom hija dik l-aktar kredibbli, jew verosimili, allura hi tista’ tiddeciedi a bazi ta’ dik il-versjoni u tiskarta l-ohra”.*

Il-Qorti tirrileva illi hemm presunzjoni *juris tantum* li min ikun fuq opra tal-bahar b’arma u munizzjon hu prezunt li jkun qieghed hemm biex jikkaccja. Huwa veru li tali presunzjoni tista’ tigi melghuba mill-imputat waqt l-andament tal-kawza. Illi pero’ mill-provi prodotti u cioe` mill-konfessjoni li ghamel l-imputat stess lill-Pulizija, huwa kien fuq id-daghjsa bl-intendiment li jikkaccja. Huwa veru li fil-mument propizju meta gie mwaqqaf mill-Pulizija ma kienx qed jispara jew bl-arma f’idu, pero’ dan ma jfissirx li ma kienx qed jikkaccja.

Illi l-Qorti ma tarax il-ghala ma ghandix temmen l-ufficjali tal-Pulizija fix-xhieda taghhom meta qalu illi d-daghjsa li fuqha kien l-imputat kienet wieqfa u abbinata mal-konfessjoni tal-imputat li qal li huwa hareg fuq id-daghjsa

sabiex jikkaccja, hija cirkostanza li twassal lill-Qorti taccetta t-tesi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat kien qed jipprova jikkaccja. Il-Qorti ma thossx illi l-imputat bix-xhieda tieghu u b'dik li ressaq irnexxielu jelgheb il-presunzjoni *juris tantum* li hemm fil-ligi kontra tieghu.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-avviz legali 146/93, l-artikoli 9 (1) (g) (ii) (aa), 9 (2) (f) u l-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ssib lill-imputat ALFRED AZZOPARDI hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' tmenin lira Maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------